MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 107/2011

**Joseph u Bernardina *sive* Bernardette konjuġi Demanuele f'isimhom *proprio* u bħala kuraturi *ad litem* ta' binhom minuri Kurt**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-7 ta' Frar 2011 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi fl-Att tat-twelid numru 2196 tal-1960, liema att jirreferi għat-twelid tal-istanti, Joseph Demanuele, kopja ta' liema att tinsab hawn annessa u mmarkata Dok A, fil-kolonna ntestata "tagħrif dwar missier it-tarbija", il-kunjom ta' missier il-minuri, u ċjoe' kunjom Francis, hu ndikat bħala "D'Emanuele" u dan minkejja li kif se jiġi

ppruvat fil-mori ta’ din il-kawża, kemm l-istanti kif ukoll l-axxendenti tiegħu kienu u huma magħrufa bil-kunjom “Demanuele”.

2. Illi fl-istess Att tat-Twelid imsemmi hawn fuq, fil-kolonna intestata “isem u kunjom il-missier, u jekk hux ħaj jew mejjet”, il-kunjom ta’ missier Francis, u ċjoe’ kunjom Carmelo, hu indikat bħala “D’Emanuele” u dan minkejja li kif se jiġi ppruvat fil-mori ta’ din il-kawża, kemm l-istanti kif ukoll l-axxendenti tiegħu kienu u huma magħrufa bil-kunjom “Demanuele”;

3. Illi fl-istess Att tat-Twelid imsemmi hawn fuq, fil-kolonna intestata “tagħrif dwar l-omm”, il-kunjom ta’ omm il-minuri, u ċjoe’ kunjom Celestina hu indikat bħala “D’Emanuele” u dan minkejja li kif se jiġi ppruvat fil-mori ta’ din il-kawża, kemm l-istanti kif ukoll l-axxendenti tiegħu kienuu huma magħrufa bil-kunjom “Demanuele”.

4. Illi skond l-Att tat-Twelid numru 4259 tal-1959, liema att jirreferi għat-twelid tal-istanti, Bernardina *sive* Bernardette Demanuele, kopja ta’ liema att tinsab hawn annessa u mmarkata Dok B fil-kolonna intestata “isem jew ismijiet li bih it-tarbija għandha tiġi msejħa”, isem l-istanti hu indikat bħala “Bernardina” u dan minkejja li kif se jiġi ppruvat fil-mori ta’ din il-kawża, l-istanti kienet dejjem msejħa “Bernardette”.

5. Illi fl-Att taż-Żwieġ numru 1408 tal-1981, liema att jirreferi għaż-żwieġ tal-atturi, kopja ta’ liema att tinsab hawn annessa u mmarkata Dok C, fil-kolonna intestata “tagħrif dwar ir-raġel miżżewweġ”, kunjom l-attur Joseph Demanuele hu indikat bħala “D’Emanuele” u dan minkejja li kif se jiġi ppruvat fil-mori ta’ din il-kawża, kemm l-istanti kif ukoll l-axxendenti tiegħu kienu u huma magħrufa bil-kunjom “Demanuele”;

6. Illi fl-istess Att taż-Żwieġ imsemmi hawn fuq, fil-kolonna intestata “tagħrif dwar il-mara miżżewġa”, l-isem tal-mara hu indikat bħala “Bernardina” u dan minkejja li kif se jiġi ppruvat fil-mori ta’ din il-kawża, l-istanti Bernardina hi magħrufa bħala “Bernardette”;

7. Illi fl-istess Att taż-Żwieġ imsemmi hawn fuq, fil-kolonna intestata “ġenituri tal-miżżewġin, isem u kunjom, jekk ħajjin jew mejtin”, il-kunjom tal-missier, u ċjoe’ kunjom Francis hu indikat bħala “D’Emanuele” u dan minkejja li kif se jiġi ppruvat fil-mori ta’ din il-kawża, kemm l-istanti kif ukoll l-axxendenti tiegħu kienu u huma magħrufa bil-kunjom “Demanuele”;

8. Illi skond l-Att tat-Twelid numru 256 tal-1996, liema att jirreferi għat-twelid ta’ iben l-istanti, Kurt Demanuele, kopja ta’ liema att tinsab hawn annessa u mmarkata Dok D fil-kolonna intestata “tagħrif dwar missier it-tarbija”, kunjom il-missier tal-minuri, u ċjoe’ kunjom Joseph, hu ndikat bħala “D’Emanuele”, u dan minkejja li kif se jiġi ppruvat fil-mori ta’ din il-kawża, kemm l-istanti kif ukoll l-axxendenti tiegħu kienu u huma magħrufa bil-kunjom “Demanuele”;

9. Illi skond l-Att tat-Twelid numru 256 tal-1996 imsemmi hawn fuq, fil-kolonna intestata “isem u kunjom il-missier, u jekk hux ħaj jew mejjet”, il-kunjom ta’ missier Joseph, u ċjoe’ kunjom Francis, hu ndikat bħala “D’Emanuele” u dan minkejja li kif se jiġi ppruvat fil-mori ta’ din il-kawża, kemm l-istanti kif ukoll l-axxendenti tiegħu kienu u huma magħrufa bil-kunjom “Demanuele”;

10. Illi skond l-Att tat-Twelid numru 256 tal-1996 imsemmi hawn fuq, fil-kolonna intestata “tagħrif dwar l-omm”, l-isem ta’ omm it-tarbija hu ndikat bħala “Bernardina D’Emanuele” u dan minkejja li kif se jiġi ppruvat fil-mori ta’ din il-kawża, l-istanti Bernardina hi magħrufa bħala “Bernardette Demanuele”;

11. Illi kif se jiġi ppruvat fil-mori ta’ din il-kawża, il-familja ilha magħrufa bil-kunjom “Demanuele” sa minn żmien immemorabbli filwaqt li l-attriċi kienet minn dejjem magħrufa bħala “Bernardette”;

12. Illi l-esponenti għandhom interess illi l-atti ta’ stat ċivili sopra ċitati jiġu korretti sabiex jirriflett l-istat attwali;

13. Illi l-esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment.

Illi r-raġuni tat-talba hi li filwaqt li l-esponenti u wliedhom huma magħrufa bil-kunjom "Demanuele", kunjomhom fl-Att ta' Stat Ċivili *sopra* ċitati hu ndikat bħala "D'Emanuele" u għalhekk hemm lok li l-konvenut jiġi ordnat jagħmel l-opportuni korrezzjonijiet fl-atti relattivi ta' stat ċivili. *Inoltre* l-attriċi kienet minn dejjem magħrufa bħala"Bernardette" u għalhekk hemm lok li l-konvenut jiġi ordnat jagħmel l-opportuni korrezzjonijiet f'dan is-sens;

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħġobha:

1. Tordna korrezzjoni tal-Att tat-Twelid numru 2196 tal-1960, liema att jirreferi għat-twelid tal-istanti, Joseph Demanuele, fis-sens li fil-kolonna intestata "tagħrif dwar missier it-tarbija", il-kunjom indikat bħala "D'Emanuele" jiġi sostitwit b' "Demanuele"

2. Tordna korrezzjoni tal-Att tat-Twelid numru 2196 tal-1960 imsemmi hawn fuq, fis-sens li fil-kolonna intestata "isem u kunjom il-missier, u jekk hux ħaj jew mejjet", il-kunjom indikat bħala "D'Emanuele" jiġi sostitwit b' "Demanuele";

3. Tordna korrezzjoni tal-Att tat-tWelid numru 2196 tal-1960 imsemmi hawn fuq, fis-sens li fil-kolonna intestata "tagħrif dwar l-omm", il-kunjom indikat bħala "D'Emanuele" jiġi sostitwit b' "Demanuele";

4. Tordna korrezzjoni tal-Att tat-Twelid numru 4259 tal-1959, liema att jirreferi għat-twelid tal-istanti, Bernardina *sive* Bernardette Demanuele, fis-sens li fil-kolonna intestata "isem jew isimijiet li bih it-tarbija għandha tiġi msejħa," l-isem indikat bħala "Bernardina" jiġi sostitwit bl-isem "Bernardette";

5. Tordna korrezzjoni tal-Att tat-Twelid numru 1408 tal-1981, liema att jirreferi għaż-żwieġ tal-atturi, fis-sens li fil-kolonna intestata "tagħrif dwar ir-raġel miżżewweġ", il-kunjom indikat bħala "D'Emanuele" jiġi sostitwit b' "Demanuele";

6. Tordna korrezzjoni tal-Att taż-Żwieġ numru 1408 tal-1981 imsemmi hawn fuq, fis-sens li fil-kolonna intestata "tagħrif dwar il-mara miżżewġa", l-isem tal-mara li hu ndikat bħala "Bernardina" jiġi sostitwit bl-isem "Bernardette";

7. Tordna korrezzjoni tal-Att taż-Żwieġ numru 1408 tal-1981 imsemmi hawn fuq, fis-sens li fil-kolonna intestata "ġenituri tal-miżżewġin, isem u kunjom, jekk ħajjin jew mejtin", il-kunjom indikat bħala "D'Emanuele" jiġi sostitwit b' "Demanuele";

8. Tordna korrezzjoni tal-Att tat-twelid numru 256 tal-1996, liema att jirreferi għat-twelid ta' iben l-istanti, Kurt Demanuele, fis-sens li fil-kolonna intestata "tagħrif dwar missier it-tarbija", il-kunjom indikat bħala "D'Emanuele" jiġi sostitwit b' "Demanuele";

9. Tordna korrezzjoni tal-Att tat-Twelid numru 256 tal-1996 imsemmi hawn fuq, fis-sens li fil-kolonna intestata "isem u kunjom il-missier, u jekk hux ħaj jew mejjet" il-kunjom indikat bħala "D'Emanuele" jiġi sostitwit b' "Demanuele";

10. Tordna korrezzjoni tal-Att tat-Twelid numru 256 tal-1996 imsemmi hawn fuq, fis-sens li fil-kolonna intestata "tagħrif dwar l-omm", l-isem indikat bħala "Bernardina D'Emanuele" jiġi sostitwit b' "Bernardette Demanuele";

11. Tordna li jsiru l-opportuni korrezzjoni fl-atti ta' stat ċivili relattivi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa hu nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, preżentata fit-18 ta' Marzu 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppublikat avviż fil-Gażżetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi mir-riċerka li għamel l-esponenti rriżulta li fl-att tat-twelid ta' missier ir-rikorrent Joseph D'Emanuele (Dok 'A'), in-nannu tal-istess rikorrenti huwa ndikat bħala Carmelo Demanuele, u ċjoe' mingħajr l-apostrofu.

3. Illi għaldaqstant, l-esponenti ma jsibx oġġezzjoni għat-talbiet numru wieħed, tnejn, tlieta, ħamsa, sebgħa, tmienja, disa' u t-talba numru għaxra sa fejn jirrigwarda biss il-kunjom tar-rikorrenti Bernardina *sive* Bernardette, b'dan illi l-esponenti m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-proċeduri istanti, tenut kont tal-fatt li fl-Att tat-Twelid numru 2196 tal-1960, fl-Att taż-Żwieġ numru 1408 tas-sena 1981, u fl-Att tat-Twelid numru 256 tal-1996 kienu proprju missier ir-rikorrenti stess Francis D'Emanuele, ir-rikorrenti Joseph u Bernardina konjuġi D'Emanuele u r-rikorrenti stess Joseph D'Emanuele rispettivament li kienu għamlu d-dikjarazzjoni fl-imsemmijin atti, u saħansitra kienu anke bil-firma tagħhom urew il-kunsens tagħhom li l-informazzjoni li kien hemm kontenuta kienet waħda korretta;

4. Illi għal dak li jikkonċerna t-talbiet numru erbgħa, sitta u għaxra rigwardanti is-sostituzzjoni mill-isem Bernardina għal dak ta' Bernardette, l-esponent umilment jirrileva li, kif hekk jeżiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 ta' Liġijiet ta' Malta, magħdud mad-dokumenti esebiti flimkien mar-rikors ġuramentat, ir-rikorrenti Bernardina *sive* Bernardette D'Emanuele trid tressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew tippreżenta affidavits ta' familjari li

ghandhom jikkonfutaw it-teżi tagħha ossia li tul ħajjitha hija kienet konsistentement msejħa bħala Bernardette u mhux Bernardina;

5. Illi mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti *ut sic* li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li fl-Att ta' Twelid numru 4259 tas-sena 1959, fl-Att ta' Twelid numru 1408 tas-sena 1981 u l-Att tat-Twelid 256 tas-sena 1996, kienu proprju missier ir-rikorrenti stess Francis Taylor, ir-rikorrenti Joseph u Bernardina konjugi D'Emanuele u r-rikorrenti stess Joseph D'Emanuele rispettivament li kienu għamlu d-dikjarazzjoni u kienu anke ffirmaw li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fl-istess verbal tas-seduta tad-9 ta' Mejju 2011 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili, liema artikoli jagħtu dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi hija ġustifikata biss fis-sens li peress li l-kunjom tal-atturi kellu jitniżżel bħala *Demanuele* u mhux *D'Emanuele*. Hemm lok li l-att tat-twelid u taż-żwieġ tal-attriċi tiġi mniżżla bħala *Bernardette* billi jirriżulta li dejjem

hekk issejħet. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għall-iżball (jekk wieħed jista jsejjaħlu hekk) u m'għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------